

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-23 ta' April 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Hof van Beroep te Gent – Il-Belġju) – Property Development Company NV vs l-Istat Belġjan**

(Kawża C-16/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 11A — Użu ta' oġġett meqjus bħala kunsinna magħmula bi ħlas — Użu ta' proprjetà immobбли għal attivitā eżentata mill-VAT — Valur taxxabbli għal dan l-użu — Interessi fuq kapital misluf imħallsa fiż-żmien tal-kostruzzjoni tal-proprjetà immobбли)

(2015/C 205/10)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Beroep te Gent

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Property Development Company NV

Konvenut: L-Istat Belġjan

**Dispożittiv**

L-Artikolu 11A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-valur taxxabbli għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 5(7)(b) ta' din id-direttiva, ta' proprjetà immobobili li l-persuna taxxabbli ordnat sabiex tinbena, huwa kkostitwit mill-prezz tax-xiri, fil-mument ta' din l-applikazzjoni, tal-proprjetajiet immobobili li s-sitwazzjoni, id-dimensjoni u l-karatteristiċi l-oħra essenziali tagħhom ikunu simili għal dawk tal-proprjetà immobobili inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni ta' jekk parti minn dan il-prezz tax-xiri toriġinax mill-ħlas tal-interessi fuq kapital misluf hija irrilevanti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 7.04.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tat-23 ta' April 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Autónoma del País Vasco – Spanja) – Subdelegación del Gobierno en Guipuzkoa – Extranjería vs Samir Zaizoune**

(Kawża C-38/14)<sup>(1)</sup>

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Direttiva 2008/115/KE — Standards u proċeduri komuni fil-qasam tar-ritorn taċ-ċittadini ta' pappiż terz li jirrisjedu irregolarment — Artikolu 6(1) u Artikolu 8(1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, f'każ ta' residenza irregolari, l-impożizzjoni, skont iċ-ċirkustanzi, jew ta' multa jew ta' tneħħiha

(2015/C 205/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Autónoma del País Vasco